**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 11 ta' Jannar, 2023**

Numru 15

**Appell Nru. 53/2021**

**Kunsill Lokali Pembroke, Kunsill Lokali San Giljan, Kunsill Lokali Swieqi, Moviment Graffitti, Din l-Art Helwa, Friends of the Earth Malta, The Archaeological Society Malta, Nature Trust (Malta), Rota VO 859, ACT VO 1491, Ruben Paul Borg ghan-nom ta' Sustainable Built Environment (SBE) Malta, Flimkien Ghal Ambjent Ahjar, Daniel Muscat, Alison Pullicino, Sonya Tanti, Rita Zammit, Norman Zammit, Adrian Grima, Josef Buttigieg, Stephanie Buttigieg, Arnold Cassola u Ralph Cassar**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar u**
**l-kjamat in kawza, db San Gorg Property Limited Attn: Mr. Silvio Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kunsill Lokali Pembroke et, kollha terzi interessati, tad-29 ta' Dicembru 2021 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-14 ta' Dicembru 2021 li cahad l-appell tal-istess terzi interessati kontra l-approvazzjoni tal-applikazzjoni ghall-izvilupp bin-numru PA 3807/17 ghall-proposta "*Proposed City Centre multi-use development, including excavations of former ITS site & Wesghet Lewis V. Farrugia/Wesghet George Portanier, demolition of modern structures, sanctioning of partly demolished non-scheduled building, retention of Grade 2 scheduled buildings and Cold War substation, construction of a 5 Star Hotel (386 rooms) Class 3B, 179 residences, commercial office space (Class 4A), shopping mall*

*(Class 4B) and restaurants (Class 4C and 4D) and basement/surface car park"* f'Pembroke u San Giljan.

Rat ir-risposta tal-Permit Holder db San Gorg Property Limited li biha talbet lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti, ghar-ragunijiet imfissra fiha.

Rat ir-risposta tal-Awtorita tal-Ippjanar li issottomettiet li l-appell tal-appellanti huwa infondat ghar-ragunijiet imfissra fiha u ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha u semghat lid-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-aggravji preliminari tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti sejra tqis l-ewwel nett l-argument generali maghmul mill-Awtorita appellata li l-appell odjern ma jistax jigi milqugh ghaliex huwa msejjes limitatament fuq l-interpretazzjoni ta' fatti u interpretazzjoni ta' ligijiet u regolament tal-ippjanar li gew korrettement interpretati mit-Tribunal. L-Awtorita appellata targumenta li din il-Qorti mhijiex qorti tat-tielet istanza fejn tista' tigi kkontestata kwalunkwe decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, ghaliex appell quddiem din il-qorti ghandu jkun ristrett biss dwar punt ta' ligi a dan skont l-artikolu 50 tal-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta. Issostni li din il-Qorti m'ghandhiex tinterpretta fatti, legislazzjonijiet u regolamenti li gew korrettement interpretati mit-Tribunal, mhux biss ghaliex din hija kompetenza limitata ghat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar izda wkoll ghaliex jekk taghmel hekk il-Qorti tkun qed tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha u tagixxi bhala Qorti tat-tielet istanza.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument huwa zbaljat fil-kuntest tal-aggravji mressqa mill-appellanti li qed jigi decizi bis-sentenza tal-llum. L-ewwel nett l-ewwel aggravju tal-appellanti jitratta kwistjoni li ma gietx dibattuta quddiem it-Tribunal. Inoltre, l-aggravji tal-appellanti kollha jitrattaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' imparzjalita u cioe ksur ta' principju ta' gustizzja naturali. Ghalhekk dawn l-aggravji huma manifestament fuq punti ta' dritt. Ghalkemm din il-Qorti ma tistax tirrevedi il-kostatazzjonijiet ta' fatt maghmula

mit-Tribunal fir-rigward ta' dawn l-aggravji, huwa nettament entro l-kompetenza ta' din il-Qorti li tistabilixxi jekk il-fatti konstatati mit-Tribunal jammontawx ghal ksur ta' principju ta' gustizzja naturali. Fl-ahhar mill-ahhar, kull Tribunal amministrattiv huwa marbut li josserva l-principji ta' gustizzja naturali li jirregolaw il-poteri amministrattivi u quasi-gudizzjarji tieghu, u l-kompetenza ta' din il-Qorti li tistharreg jekk dawn il-principji gewx filfatt osservati mhijiex u ma tistax tigi limitata f'pajjiz demokratiku fejn tirrenja s-saltna tad-dritt.

**L-Ewwel Aggravju**

L-appellanti jilmentaw li d-decizjoni appellata ghandha tigi rrevokata ghaliex wiehed mill-membri tat-Tribunal, u cioe Alexander Zammit, huwa impjegat tal-Awtorita tal-Ippjanar li kienet parti fl-appell, u ma zvelax tali posizzjoni, b'mod li b'hekk sofrew ksur tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq u l-principju ta' gustizzja naturali *nemo iudex in causa propria.* L-appellanti jargumentaw li minn email mibghuta mill-Awtorita tal-Ippjanar fit-23 ta' Dicembru 2021 bhala risposta ghal talba ghal access ghall-informazzjoni rrizulta li Alexander Zammit kien u ghadu impjegat mal-Awtorita tal-Ippjanar billi kien qieghed fuq *unpaid leave,* fatt li ma kienx maghruf lilhom matul il-kors tal-appell, u jzidu illi li kieku kien jafu b'dan kienu jitolbu r-rikuza tal-istess Zammit. L-appellanti jsostnu li dan ifisser li l-introjtu u l-opportunitajiet ta' avvanz fil-karriera ta' Zammit huma assikurati mill-Awtorita tal-Ippjanar galadarba jista' jkompli jahdem maghha kif jispiccalu l-*unpaid leave* u ghalhekk meta kien membru tat-Tribunal li ddecieda l-appell in kwistjoni huwa kien qieghed jilbes zewg kpiepel fl-istess hin, minkejja li kull membru tat-Tribunal suppost kellu jkun totalment indipendenti u distakkat mill-partijiet. Isostnu li skont l-artikolu 3 tal-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta it-Tribunal ghandu jkun indipendenti u imparzjali, izda l-fatt li wiehed mill-membri tieghu huwa impjegat ta' wahda mill-partijiet fl-appell iqajjem dubbji kbar dwar l-indipendenza u l-imparzjalita tal-istess Tribunal. Jargumentaw li peress li appell quddiem din il-Qorti mid-decizjonijiet tat-Tribunal jistghu isiru biss fuq punti ta' ligi, punti ta' fatt jigu decizi finalment mit-Tribunal u ghalhekk huwa krucjali li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-imparzjalita tal-membri kollha tat-Tribunal li jista' jippregudika d-dritt ta' smigh xieraq.

Is-socjeta db San Gorg Property Limited twiegeb li dan l-aggravju tal-appellanti huwa msejjes fuq informazzjoni u dati zbaljati. Fit-trattazzjoni r-rapprezentant tas-socjeta

applikanti issottometta li r-raguni li nghatat ghat-terminazzjoni ta' impjieg ta' Alexander Zammit hija irrelevanti, u dak li huwa importanti hu li bhala stat ta' fatt l-impjieg tieghu gie terminat.

L-Awtorita tal-Ippjanar twiegeb li m'huwa minnu xejn li Alexander Zammit kien qieghed fuq xi *unpaid leave* jew kien fi kwalunke konnessjoni maghha matul is-smigh jew id-determinazzjoni tal-appell odjern mit-Tribunal. Jghidu li bhala stat ta' fatt jirrizulta li Zammit kien ittermina l-impjieg tieghu mal-Awtorita tal-Ippjanar fil-25 ta' Awissu 2021, u l-*unpaid leave* ta' Zammit spiccat ghal kollox dakinhar li huwa ttermina l-impjieg tieghu maghha u ma kien fadal l-ebda konnessjoni bejniethom. Jghidu li l-ewwel darba li nstema' l-appell u cioe fit-23 ta' Settembru 2021 Zammit ma kienx membru tat-Tribunal u l-appellanti kienu talbu r-rikuza ta' whud mill-membri tat-Tribunal. Sussegwentement it-Tribunal diversament kompost, li din id-darba kien jinkludi Alexander Zammit, beda jisma' l-appell mit-28 ta' Settembru 2021 u ghalhekk Zammit ma kienx impjegat taghha fil-mument li kien qieghed jiddetermina l-kaz odjern. Izidu li kien biss tort tal-appellanti li din l-informazzjoni waslet ghandhom wara li l-appell gie deciz ghaliex it-talba ghall-access ghall-informazzjoni maghmula mill-appellanti kienet giet milqugha fid-9 ta' Awissu 2021 u kienu l-appellanti li damu sal-14 ta' Dicembru 2021 biex jaghmlu talbu ghall-ispezzjoni ta' dawn id-dokumenti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dan l-aggravju tal-appellanti jirrigwarda wiehed mill-membri tat-Tribunal li ddecieda l-appell in kwistjoni, u cioe Alexander Zammit. L-appellanti jsostnu li Alexander Zammit kien impjegat tal-Awtorita tal-Ippjanar fiz-zmien meta gie trattat u deciz l-appell, u dan billi kien qieghed fuq *unpaid* leave mill-impjieg tieghu mal-Awtorita tal-Ippjanar, li skont huma johloq dubbji dwar l-indipendenza u l-imparzjalita tieghu u jwassal ghal ksur tal-principju ta' gustizzja naturali *nemo iudex in causa propria,* kif ukoll id-dritt ta' smigh xieraq.

L-appellati jirribattu li l-appellanti huma informati hazin u li mhuwiex minnu li Alexander Zammit kien impjegat tal-Awtorita tal-Ippjanar fiz-zmien relevanti. Il-provi prodotti qudiem il-Qorti dwar din il-kwistjoni huma s-segwenti:

-Ftehim milhuq bejn l-Awtorita tal-Ippjanar, it-Tribunal u Alexander Zammit datat 4 ta' Mejju 2020 permezz ta' liema l-Awtorita assenjat lil Zammit sabiex jahdem mat-

Tribunal ghal perjodu ta' tlett snin b'effett mid-data imsemmija, waqt liema perjodu Zammit kien ser ikun qieghed fuq *unpaid leave* mal-Awtorita, izda liema perjodu ma kienx ser jitnaqqas ghall-finijiet tal-kalkolu tas-snin tas-servizz li Zammit ikun ghamel mal-Awtorita.

-Termination of Employment Form ta' Alexander Zammit datata 25 ta' Awwissu 2021 sottomessa lil Jobsplus.

-Roderick Livori, rapprezentant tal-Awtorita tal-Ippjanar, xehed fis-27 ta' April 2022 li Alexander Zammit kien dahal jahdem mal-Awtorita tal-Ippjanar fl-1 ta' Ottubru 1998, u fl-2020 kien inghata *unpaid leave* u beda jahdem bhala Technical Officer fi hdan it-Tribunal. Sussegwentement l-impjieg tieghu mal-Awtorita gie tterminat b'effett mill-25 ta' Awissu 2021 kif jirrizulta mit-Termination of Employment Form sottomessa lil Jobsplus fit-13 ta' Settembru 2021.

Mill-provi jirrizulta li sussegwentement Zammit kien gie trasferit ghall-impjieg fi hdan kumpanija parastatali, u cioe Resource Support and Services Limited. Email datata it-30 ta' Awwissu 2021 taqra hekk:

> "*In terms of Article 16 of the Employment and Training Services Act, it has been approved that Mr Zammit is redeployed from Planning Authority to RSSL, on the following conditions:*
> *1. As from 26th August 2021*
> *2. He is placed on the books of RSSL in a post equivalent to scale 5 in the Public Service, on an indefinite basis […]*[1] *and*
> *3. Planning Authority seeks an internal replacement to fill the consequential vacancy." (fol*. 171)

Wara dan l-email Resource Support and Services Limited baghtet ittra datata 3 ta' Settembru 2021 lil Alexander Zammit biex tinfurmah dwar l-impjieg gdid tieghu. F'din l-ittra ssir referenza espressa ghall-kwistjoni tal-*unpaid leave* ta' Zammit u jinghad hekk:

> "*Furthermore, following your verbal request, you shall be considered on unpaid leave up to and including 3rd May 2025. During the period of unpaid leave you will retain your present substantive appointment with RSSL and you will forfeit all benefits and allowances arising from your employment with*

[1] It-test li mhux qed jigi citat mill-Qorti jitratta l-paga li Resource Support and Services Limited kellha thallas lil Alexander Zammit u li mhija bl-ebda konnessa ma' dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti tqis li m'hemmx raguni valida sabiex tigi divulgata pubblikament.

> *RSSL. The Company will not pay your National Insurance contributions for the period of unpaid leave.*
>
> *You are also being informed that on your return from unpaid leave the Company will post you according to its exigencies at the time"* (*fol.* 178)

Inoltre fl-atti giet ukoll prezentata prova dwar l-identita tal-azzjonisti ta' Resource Support and Services Limited, li turi li l-azzjonisti ta' din il-kumpanija huma l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment u Malta Government Investments Limited.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li ma gietx pruvata konnessjoni sufficjenti bejn Alexander Zammit u l-Awtorita appellata li tista' tpoggi fid-dubbju l-imparzjalita tat-Tribunal li tieghu Zammit kien membru. A kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellanti Zammit ma kienx impjegat tal-Awtorita appellata meta gie trattat u deciz l-appell intavolat mit-terzi interessati quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Jirrizulta minflok li fiz-zmien relevanti l-impjieg ta' Alexander Zammit mal-Awtorita appellata kien gie tterminat u Zammit kien gie impjegat ma' Resource Support and Services Limited li mill-atti ma jirrizultax li ghandha xi konnessjoni mal-Awtorita appellata. Mill-atti jirrizulta wkoll li ghall-bidu Zammit kien ser ikun fuq *unpaid leave* ma' Resource Support and Services Limited, li din il-Qorti tifhem li huwa minhabba l-posizzjoni li jokkupa fuq it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar izda mat-tmien tal-perjodu ta' servizz tieghu fuq it-Tribunal Zammit kien ser jibqa' impjegat ma' Resource Support and Services Limited, li kienet ser tkun qed thallas il-paga tieghu minn dak il-punt. Ghalhekk mhux biss ma kienx hemm konnessjoni bejn Zammit u l-Awtorita appellata fiz-zmien relevanti li jista' johloq dubbju dwar l-imparzjalita oggettiva tieghu, izda lanqas ma jirrizulta li kienet ser tigi ravvivata din il-konnessjoni wara t-tmien tal-perjodu ta' servizz ta' Zammit fuq it-Tribunal ladarba mill-atti jirrizulta li f'dak il-punt l-impjieg u l-introjtu ta' Zammit ser ikunu jiddependu fuq entita li ma jidher li ghandha l-ebda konnessjoni mal-Awtorita appellata.

Ghaldaqstant fuq l-iskorta tal-provi li gew prodotti quddiem din il-Qorti dan l-aggravju tal-appellanti qieghed jigi michud.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet aggravju il-Qorti tosserva li dawn l-aggravji gew decizi permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti li qed tigi moghtija llum stess fl-ismijiet Moviment

Graffiti et vs L-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi et (Appell nru. 2/22), peress li huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali maghmula mill-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi. Ghalhekk, u peress li dawn l-aggravji ma jidher li ghandhom l-ebda konnessjoni mal-mertu ta' dan l-appell il-Qorti ser tastjeni milli tiehi konjizzjoni ulterjuri taghhom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet aggravju stante li dawn gew decizi fis-sentenza moghtija llum s-stess fl-appell bin-numru 2/2022MCH, tichad l-ewwel aggravju, bl-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tal-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Ann Xuereb
Deputat Registratur